# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 967

KAZ NRU. 1229

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Raymond Schembri

u

C & F Building Contractors

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 25 t'Awissu, 1998

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 16 ta' Marzu, 1998 b'riferenza MHS/TI/26/98 skond l-Art. 28(2) tal-Kap. 266.

Il-kumpanija ntimata, indikat bhala Frankie & Sons giet avzata fis-6 t'April, 1998 li l-ewwel seduta kellha ssir fit-8 ta' Mejju, 1998 u li d-dikjarazzjoni tal-kaz taghha kellha tintbaghat qabel it-30 t'April, 1998.

Fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 1998 l-kumpanija ma deheritx u lanqas ma deher id-difensur taghha u lanqas ma keinet ntbaghtet id-dikjarazzjoni tal-kaz u s-seduta giet differita ghad-29 ta' Mejju, 1998.

Fit-tieni seduta tat-29 ta' Mejju, 1998 l-appellant talab il-korrezzjoni tal-occhio li kellu jinqara "C & F Building Contractors Ltd".

It-Tribunal ordna il-korrezzjoni u ordna n-notifika mill-gdid lill-C & F Building Contractors Ltd u halla s-smigh ghas-26 ta' Gunju, 1998.

Fis-26 ta' Gunju, 1998 s-smigh ma sarx peress li ma kienx hemm Awla li mhux okkupata minn xi Mhallef u l-partijiet gew notifikati li s-smigh kellu jsir fit-30 ta' Gunju, 1998.

Fit-30 ta' Gunju, 1998 deher l-avukat Dr. Paul Borg Olivier u talab differiment ghan-nom ta' Dr. K. Grima, difensur tal-kumpanija li kien imsiefer. Dr. Borg Olivier gie mgharraf li d-dikjarazzjoni tal-kaz ma kienetx giet prezentata u li l-kaz kien qed jigi differit ghall-14 ta' Lulju, 1998.

It-Tribunal ordna li jerga' jintbaghat avviz lill-Dr. Grima u li jigi verifikat li tali avviz kien wasal u dana permezz ta' telefonata jew Fax. Dan sar u l-komunikazzjoni saret mas-Sinjorina Elizabeth Cortis tal-ufficcju ta' Dr. Grima.

Fl-14 ta' Lulju 1998 rega' ma deher hadd ghall-kumpanija u lanqas ma kienet giet prezentata id-Dikjarazzjoni tal-Kaz.

In vista tan-nuqqas ta' nteress tal-kumpanija ntimata il-kaz thalla ghad-decizjoni ghas-17 ta' Lulju, 1998.

Fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 1998, il-kumpanija talbet flok decizjoni tinghata permess tipprezenta d-dikjarazzjoni tal-kaz. L-appellant ma opponiex, u t-Tribunal laqa' t-talba u halla l-kaz ghal provi tal-kumpanija ghall-25 t'Awissu, 1998.

Meta ssejjah il-kaz ghall-kumpanija ma deher hadd minkejja li d-differiment kien sar ghal data accettabbli ghad-difensur tal-kumpanija.

In vista tan-nuqqas ta' nteress, it-Tribunal ghada ghad-decizjoni wara li sema' lill-appellant jikkonferma bil-gurament id-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu.

It-Tribunal isib li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet ingusta u jordna li l-appellant jerga' jinghata l-impjieg u jithallas il-paga u l-bonus dovuti mis-27 ta' Dicembru, 1997. L-ammont dovut qed jigi stabbilit ghall Lm2,465 u cioe' ghall-Lm2,240 ghall-35 gimgha paga, Lm58 Bonus ta' Gunju, Lm20 bonus ta' Marzu. It-Tribunal innota li l-appellant lanqas ma thallas Lm147 tal-vacation leave.

Il-pagament ghandu jsir f'erba' pagamenti ugwali l-ewwel fis-7 ta' Settembru mbaghad fis-7 ta' Ottubru mbaghad fil-21 ta' Ottubru u l-ahhar wiehed fl-4 ta' Novembru 1998 b'dana li jekk pagament wiehed ma jsirx fit-terminu stabbilit l-ammont kollu li jkun ghadu ma thallasx isir dovut immedjatament. Il-kumpanija ghanda zzomm il-kontribuzzjoni dovuta ghas-Sigurta' Socjali.

Kopja ta' din id-decizjoni ghandha tintbaghat lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali biex dana jitlob lura, jekk ikun il-kaz, il-beneficcji li jkunu thallsu.

L-isem u l-indirizz tal-partijiet ghandhom jigu ndikati lid-Direttur.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Vera kopja

**ft/Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

------------------
**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJA**